MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2011

Talba Numru. 757/2011

Melita p.l.c. (C-12715).

Vs

Carmine Dicacco (Id. 30718A).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' erba mija u tmienja u ghoxrin ewro u erba u erbghin centezmu (€428.44) minghand il-konvenut, rapprezentanti bilanc ta' prezz ghal servizz ta' 'TV' fil-fond 'Tarantella', Triq San Gorg, San Giljan bil-kont numru 585932. U minkejja li gie interpellat sabiex ihallas diversi drabi, l-konvenut baqa inadempjenti. Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' erba mija u tmienja u ghoxrin ewro u erba u erbghin centezmu (€428.44), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------